MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 224/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Mallia)**
**Vs**
**Nicholas Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

1. fit-30 ta’ Dicembru, 2004, bejn is-2.00 p.m. u t-8.00 p.m., mill-Kalkara w mill-Birgu, b’diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, kkommetta serq ta’ tnejn u ghoxrin (22) skip li l-valur taghhom huwa ta’ LM200 il-wiehed u li bhala valur globali jlahhaq it-tlett elef u tmien mitt lira Maltin (Sic!) (LM4400), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin u bil-persuna;
2. fl-istess cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew indahal biex imexxihom;

3. fl-istess cirkostanzi, ezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu, fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Lulju, 2008, li biha, ddikjarat lill-appellant mhux hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi w, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tat-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu w ikkundannatu multa ta' hames mitt Euro (€ 500).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Lulju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, filwaqt li talab li thassaraha w tannullaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni w tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma setghget qatt legalment u ragjonevolment ssibu hati tat-tielet imputazzjoni ta' ragjon fattasi a bazi tal-provi prodotti quddiemha w konsegewentment ghamlet apprezzament hazin tal-provi. F' dal-kaz ma hemmx dubju li kemm il-Kunsill Lokali tal-Birgu kif ukoll dak tal-Kalkara ma kellhom ebda dritt li jibqghu jgawdu mill-uzu tal-iskips. Ghalhekk l-appellant ma seta' qatt legalment icahhadhom minn xi dritt ta' uzu illi huma seta' kellhom. Ladarba r-relazzjoni legali bejn il-Kunsill u l-appellant kienet spiccat, ghax it-tender kien skada, konsegwentement id-dritt taghhom ghall-uzu ta' dawn l-iskips kien spicca wkoll. Kien tqabbad kuntrattur iehor li ma kellu ebda dritt jaghmel uzu minn dawn l-iskips. Bhala proprjetarju ta' dawn l-iskips, l-appellant kellu kull

dritt li jigbor dawn l-iskips u li ma jhallix lill-kuntrattur ta' warajh li ha t-tender, jaghmel uzu minn dawn l-iskips tieghu w jaghmel gwadann a skapitu tieghu. Hu kellu kull dritt li jiehu lura dak li kien tieghu. Bl-ebda mod ma cahhad lil terz minn xi dritt li seta' kellu. Li s-sindki taz-zewgt ibliet ma gabu ebda prova li l-iskips kienu saru taghhom wara li l-ko-operattiva li kienet il-proprjetarja taghhom kienet falliet. Inoltre hemm element iehor tar-reat li hu mankanti ghax l-appellant f' ebda hin ma seta kien jaf illi z-zewg kunsilli kienu kuntrarji ghat-tehid tal-iskips. Ghalhekk la jikkonkorru l-elementi materjali kif ukoll dak morali w konsegewentment l-appellant kellu jigi liberat mit-tielet imputazzjoni wkoll.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-prosekuzzjoni kienu brevement is-segwenti:-

Il-Ko-operattiva Indafa Pubblika kienet hadet it-tender biex tnaddaf l-inhawi tal-bliet tal-Birgu w l-Kalkara. F' xi zmien din il-Ko-operattiva falliet u halliet xi *skips* li kienu jappartjenu lilha f' dawn l-inhawi. Dawn l-iskips kienu nxtraw minn flus is-sebghin membru cirka tal-ko-operattiva li fosthom kien hemm l-appellant. Meta falliet il-Ko-operattiva, l-membri individwali baqghu jaghmlu uzu minn dawn l-iskips. Umbaghad it-*tender* kien ittiehed minn ditta li jisimha Superlative Cleaners li taghha l-appellant kien membru w bhala kuntrattur kien responsabbli ghall-gbir tal-iskart mill-Birgu, Kalkara u l-Isla. Hu kien ukoll responsabbli ghall-hsarat tal-iskips. Meta t-*tender* tal-appellant spicca w t-*tender* inghata lill-kuntrattur iehor, dan tal-ahhar baqa' jaghmel uzu mill-istess skips. Biex ma jibqax isir dan l-uzu mill-istess *skips*, l-appellant mar bil-vettura CBB 241 tieghu u gabar dawn l-iskips li kien jirritjeni li kienu proprjeta' tieghu. Di fatti gabar zewg *skips* mill-Birgu w tlettax mill-Kalkara. L-iskips l-ohra li l-

appellant jghid li ma kienux tieghu, hallihom hemm. Peress li s-Sindku tal-Birgu ra lill-appellant jghabbi dawn l-iskips, sar rapport u l-appellant gie arrestat fuq serq u sussegwentement akkuzat bl-akkuzi odjerni.

Illi l-appellant instab hati mill-Ewwel Qorti biss tar-reat ta' *"ragion fattasi"* jew dak li jissejjah *"the exercise of a pretended right"* . Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson, meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti, kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-

*"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II)

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **" Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et. "** (App. Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV, p.768) u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna .

b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt ;

c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi .

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli

wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta’ pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :-

*“L’ atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e’ nell’attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche’ la legge protegge lo “stato quo”, il quale non puo’ variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita’ giudiziale .”*

Issa fil-kaz in ezami, ma hemmx dubju li kien l-appellant li fil-fatt kien ha l-iskips, pero' isostni li dan ghamlu ghax kien jirritjeni li kienu tieghu. Isostni dan ghax deherlu li la kien hareg il-flus ghalihom meta kienu inxtraw mill-ko-operattiva li hu kien membru taghha, allura kienu tieghu. Din il-Qorti pero' ma tistax tifhem fuq hix inhi bbazata l-pretensjoni tal-appellant. Ladarba kif isostni hu l-iskips kienu nxtraw mill-ko-operattiva li kien fiha sebghin membru, kif , ghax din falliet dawn l-iskips saru tieghu? Certament li dak li ried isir kien li ssir likwidazzjoni skond il-ligi tal-ko-operattiva w wara, jekk ikun fadal assi x' jinqasmu bejn il-membri, dawn jaqsmu dawk l-assi bejnithom fi flus jew "*in kind*" skond is-sehem taghhom fil-ko-operattiva w skond il-Ligi tal-Ko-operattivi. Imma ma jistax membru jaqbad u jiehu dak li jidhirlu. Ghalhekk il-pretensjoni li dawn l-iskips kienu tal-appellant mix sorretta minn xi prova legali w tibqa' biss pretensjoni.

Ghalkemm il-Qorti tifhem li l-appellant seta' hassu urtat li jara dawn l-iskips, li in parti setghu nxtraw bi flusu, jintuzaw minn kuntrattur iehor li kien ha t-*tender*, ma setax *di privato braccio* jaqbad u jiehu dak li kien jippretendi li kien tieghu (anki jekk stess haseb hekk). Tajjeb jew hazin, dawn l-iskips kienu qed jintuzaw miz-zewg Kunsilli Lokali tal-Birgu w l-Kalkara w mill-kuntrattur il-gdid w, qabel ma

jaqbad u johodhom, kien imissu ftiehem ma' dawn iz-zewg Kunsilli w mal-kuntrattur.

Ghar-rigward tal-aggravju li hu ma setax ikun jaf li dawn il-Kunsilli kienu ser joggezzjonaw li johodhom, dan hu nfondat ghax hu seta' facilment ippreveda li ser ikun hemm oppozizzjoni minn dawn il-Kunsilli malli jindunaw li f' hakka t-ghajn ser jigu privi mir-recipjenti fejn il-pubbliku tal-lokalita' kien jiddepozita l-iskart. Di fatti hekk gara w, kif nehhihom minn posthom, sar rapport u l-appellant gie effettivament arrestat. L-appellant imissu fehem li kien hemm id-dissens implicitu ta' dawn iz-zewg Kunsilli. X' aktarx li hu fehem u ghalhekk agixxa kif agixxa ghax ippreveda li ma kienx ser jithalla jiehu dawn l-iskips kif gieb u lahaq kieku stess talab lill-Kunsilli biex ikun jista' jaghmel dan.

Jekk l-appellant kellu xi pretensjoni fir-rigward ta' dawn l-iskips, imissu agixxa *'ope magisterium"* billi jirrikorri fil-Qrati, wara li jkun interpella inutilment jew lill-likwidatur tal-Ko-operattiva - jekk kien hemm - u l-membri taghha, kif ukoll lill-Kunslli Lokali koncernati w lill-kuntrattur il-gdid li kien ha t-t*ender*. Minnflok ghazel li jiehu *"short cut"* u *di privato braccio* u minkejja d-dissens implicitu tal-Kunslli w tal-kuntrattur l-gdid, agixxa kif agixxa, ghax kien jemmen li qed jagixxi bi dritt, dritt li *prima facie* lanqas biss jidher li kellu.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti jikkonkorru l-elementi kollha tar-reat dedott kontra l-appellanti kemm dawk materjali kif ukoll l-element morali.

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena *"ut sic"* u, f' kull kaz, ma jidhirx li hemm lok li din tigi varjata ghax la hija barra mill-parametri legali w lanqas hija sproporzjonata fic-cirkostanzi u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha b’xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellatta konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------